VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,521, 12 ta' Jannar, 2016
Taqsima B

A.L. 11 tal-2016

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi ta' Emerġenza ta' Riżerva ta' Voluntieri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi ta' Emerġenza ta' Riżerva ta' Voluntieri, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forzi ta' Emerġenza ta' Riżerva ta' Voluntieri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 220.07

Jemenda t-titolu tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-titolu tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "ta' Emerġenza" għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "forza" għandu jidħol dan li ġej:

" "forza" tfisser il-Forza ta' Riżerva ta' Voluntieri (VRF)"; u

(b) minnufih wara t-tifsira "forza" għandu jiżdied dan li ġej:

" "Forza ta' Riżerva Individwali" tfisser il-Forza ta' Riżerva Indiwidwali (IRF) kostitwita skont ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tal-Forza ta' Riżerva Individwali;". L.S. 220.08

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"8. Kandidati għandhom jintagħżlu permezz ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

eżamijiet għad-dħul u ta' intervista, li jinżammu b'dak il-mod kif il-Ministru jista' jistabilixxi u għandhom -

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu bejn l-età ta' tmintax-il sena u ħamsa u erbgħin sena;

(ċ) ikunu kapaċi għal impieg fis-sħiħ fil-forza; u

(d) ikunu ċertifikati li jkollhom l-anqas livell mediku kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi:

Iżda l-membri tal-Forza ta' Riżerva Individwali jew min ittermina l-ingaġġ taiegħu mal-Forza Regolari u li ma għandhomx aktar minn sitta u ħamsin sena jistgħu wkoll japplikaw sabiex jiffurmaw parti mill-Forza ta' Riżerva ta' Voluntieri u għandhom jintagħżlu skont kriterji li jiġu minn żmien għal żmien stabbiliti mill-Kmandant.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (2) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ma' l-età ta' ħamsa u ħamsin sena." għandhom jidħlu l-kliem "mal-età ta' ħamsa u ħamsin sena:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda l-membri tal-Forza ta' Riżerva Individwali jew min ittermina l-ingaġġ tiegħu mal-Forza Regolari li huma wkoll membri tal-Forza ta' Riżerva tal-Voluntieri għandu jkollhom l-ingaġġ tagħhom fil-Forza ta' Riżerva ta' Voluntieri terminat la darba jilħqu l-età ta' wieħed u sittin sena.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fit-test Ingliż tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kelma "reservers" għandha tidħol il-kelma "reservists".

Iżid r-regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

7. Minnufih wara r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Applikabilità tal-artikolu 35A tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta.

14A. Avviż ta' sejħa ta' riżervi fil-każ ta' missjonijiet nazzjonali jew kull kompitu ieħor bħal dak għandu jkun skont l-artikolu 35A tal-Att.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"15. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Att, voluntiera tal-forza għandhom jintalbu li jagħmlu taħriġ

VERŻJONI ELETTRONIKA

minimu li jkun jikkonsisti f'mitejn u erbgħin siegħa ta' taħriġ kull sena, b'kull sessjoni ta' taħriġ ma tkunx inqas minn erba' siegħat konsekuttivi iżda mhux iżjed minn tmint ijiem kontinwi:

Iżda matul l-ewwel sena ta' ingaġġ, il-perjodi ta' taħriġ ikunu jikkonsistu l-iżjed f'ħiliet ta' suldat bażiċi. Matul it-tieni u s-snin sussegwenti, it-taħriġ ikun magħmul minn taħriġ ta' ħiliet speċjalizzati li jista' jinkludi wkoll taħriġ fix-xogħol ma' xi entità tal-forza.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "l-artikolu 32 ta' l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew servizz skont l-artikolu 35A tal-Att.".

Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "l-artikolu 32 ta' l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew servizz skont l-artikolu 35A tal-Att.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

11. Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "ta' Emerġenza", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jiġu mħassra.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

12. Fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "ta' Emerġenza", kull fejn dawn jinsabu, għandhom jiġu mħassra.